



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

3 ta' Marzu 2021 *

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Kodiċi Doganali tal-Unjoni – Regolament (UE) Nru 952/2013 – Artikolu 87(4) – Post ta' tnissil tad-dejn doganali – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1) – Artikoli 70 u 71 – Fatt taxxabli u eżiġibbiltà tal-VAT fuq l-importazzjoni – Post ta' tnissil tad-dejn fiskali – Konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu impost mil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni – Oġġett fiżikament introdott fit-territorju doganali tal-Unjoni fi Stat Membru iżda daħal fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fl-Istat Membru fejn saret il-konstatazzjoni”

Fil-Kawża C-7/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta' Düsseldorf, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Diċembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Jannar 2020, fil-proċedura

VS

vs

Hauptzollamt Münster,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatriċi), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, u N. Jääskinen, Imħallef,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għall-Hauptzollamt Münster, minn K. Thode, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u J. Jokubauskaitė kif ukoll minn R. Pethke, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tiġi deċiża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60, iktar 'il quddiem id-“Direttiva dwar il-VAT”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn VS u l-Hauptzollamt Münster (l-Uffiċċju Doganali Prinċipali ta' Münster, il-Ġermanja) dwar il-ħlas tad-dazji doganali u tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni, fuq vettura privata rreġistrata fit-Turkija u importata minn VS fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar il-VAT

- 3 Skont l-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva dwar il-VAT, l-importazzjonijiet ta' oġġetti huma suġġetti għall-VAT. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 30 ta' din id-direttiva, titqies bħala importazzjoni ta' oġġetti l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' oġġetti li ma huwiex f'ċirkulazzjoni libera.
- 4 Skont l-Artikolu 60 tal-imsemmija direttiva, l-importazzjoni ta' oġġetti titwettaq fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun jinsab l-oġġett fil-mument li jiġi introdott fl-Unjoni.
- 5 Skont l-Artikolu 62 ta' din l-istess direttiva:

“Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

- 1) ‘Avveniment li jagħti lok għal ħlas’ [‘fatt taxxabbli’] għandha tfisser okkorrenza li permezz tagħha l-kondizzjonijiet legali meħtieġa biex tiġi imposta l-VAT huma sodisfatti;

[...]”

- 6 Skont l-Artikolu 70 tad-Direttiva dwar il-VAT, il-fatt taxxabbli għandu jseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta mal-mument tal-importazzjoni tal-oġġetti.
- 7 L-Artikolu 71(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

“Meta, mad-dħul [fl-Unjoni] il-merkanzija titqiegħed taħt wieħed mill-arranġamenti jew sitwazzjonijiet msemmija fl-Artikoli 156, 276 u 277, jew taħt arranġamenti ta' importazzjoni temporanji b'eżenzjoni totali tad-dazju fuq l-importazzjoni, jew taħt arranġamenti ta' trażitu esterni,

l-avveniment li jagħti lok għal hłas iseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta biss meta l-merkanzija ma tibqax taħt dawk l-arranġamenti jew sitwazzjonijiet.

Madankollu, meta l-merkanzija impurtata tkun soġġetta għad-dazji doganali, jew għal imposti agrikoli jew għal xi piżijiet li għandhom effett ekwivalenti li ġew stabbiliti skond politika komuni, l-avveniment li jagħti lok għal hłas għandu jseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta meta jseħħ l-avveniment li jagħti lok għal hłas fir-rigward ta' dawk id-dazji u dawk id-dazji jsiru dovuti.”

Il-Kodiċi Doganali

- 8 L-Artikolu 79 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p. 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2, iktar 'il quddiem il-“Kodiċi Doganali”), intitolat “Dejn doganali li jinħoloq minħabba nuqqas ta' konformità”, jipprovdi:

“1. Għal merkanzija soġġetta għal dazju tal-importazzjoni, jinħoloq dejn doganali fuq l-importazzjoni f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

- a) wieħed mill-obbligi stabbiliti fil-leġislazzjoni doganali dwar id-dħul ta' merkanzija mhux tal-Unjoni fit-territorju doganali tal-Unjoni, it-tneħħija tagħha mis-superviżjoni doganali, jew il-moviment, l-ipproċessar, il-ħażna, il-ħażna temporanja, id-dħul temporanju ta' tali merkanzija fit-territorju jew it-tneħħija tagħha minnu;

[...]

3. Fil-każijiet imsemmija taħt il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, id-debitur għandu jkun kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

- a) kwalunkwe persuna li kienet meħtieġa tissodisfa l-obbligi konċernati;

[...]”

- 9 L-Artikolu 87 tal-Kodiċi Doganali, intitolat “Il-post fejn jinħoloq id-dejn doganali”, fil-paragrafu 4 tiegħu jipprovdi:

“Jekk awtorità doganali tistabbilixxi li dejn doganali nħoloq taħt l-Artikolu 79 jew l-Artikolu 82 fi Stat Membru ieħor u l-ammont ta' dazju tal-importazzjoni jew esportazzjoni li jikkorrispondi għal dak id-dejn huwa anqas minn EUR 10 000, id-dejn doganali għandu jitqies li nħoloq fl-Istat Membru fejn tkun intlaħqet tali konklużjoni.”

- 10 L-Artikolu 135 tal-Kodiċi Doganali, intitolat “It-trasport lejn post xieraq”, fil-paragrafu 1 tiegħu jistipula:

“Il-persuna li ddaħħal merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tittrasportaha mingħajr dewmien, bir-rotta speċifikata mill-awtoritajiet doganali u skont l-istruzzjonijiet tagħhom, jekk ikun hemm, sa l-uffiċċju doganali nominat mill-awtoritajiet doganali, jew fi kwalunkwe post ieħor nominat jew approvat minn dawk l-awtoritajiet, jew f'żona ħielsa.”

- 11 L-Artikolu 139 tal-Kodiċi Doganali, intitolat “Il-preżentazzjoni ta’ merkanzija lid-dwana”, fil-paragrafu 1 tiegħu jipprovdi li l-merkanzija introdotta fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tiġi ppreżentata lid-dwana minnufih mal-wasla tagħha fl-uffiċċju doganali nnominat jew kwalunkwe post ieħor innominat jew approvat mill-awtoritajiet doganali jew fiż-żona ħielsa minn, b’mod partikolari, il-persuna li daħħlet il-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Id-dritt Ġermaniż

- 12 Skont l-Artikolu 21(2) tal-Umsatzsteuergesetz (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) tal-21 ta’ Frar 2005 (BGBl. 2005 I, p. 386), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali:

“Ir-regoli applikabbli għad-dazji doganali għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-VAT fuq l-importazzjoni, ħlief ir-regoli relatati mal-ipproċessar attiv fis-sistema tar-rimbors u dawk relatati mal-ipproċessar passiv.”

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

- 13 VS, residenti fil-Ġermanja, introduċa l-vettura privata tiegħu mit-Turkija, fejn ġiet irreġistrata, fit-territorju ta’ dan l-Istat Membru, billi għaddiet mill-Bulgarija, mis-Serbja, mill-Ungerija u mill-Awstrija. L-importazzjoni ta’ din il-vettura ġiet stabbilita fil-Ġermanja waqt kontroll tal-pulizija mwettaq fis-26 ta’ Frar 2018. Matul ix-xahar ta’ Marzu 2018, VS saq il-vettura lura lejn it-Turkija, fejn biegħha.
- 14 Wara l-imsemmi kontroll, peress li qies li VS kien naqas milli jieħu l-vettura lejn uffiċċju doganali għall-importazzjoni u milli jippreżentaha lid-dwana, l-Uffiċċju Doganali Prinċipali ta’ Münster ikkonstata li l-persuna kkonċernata kellha tħallas l-ammont ta’ EUR 1 589 bħala dazji doganali fuq l-importazzjoni u l-ammont ta’ EUR 3 021.01 bħala VAT fuq l-importazzjoni.
- 15 VS ippreżenta rikors quddiem il-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta’ Düsseldorf, il-Ġermanja), li hija l-qorti tar-rinviju, fejn sostna li huwa kien uża l-vettura biss għal perijodu qasir u esklużivament bħala mezz ta’ trasport għal vjaġġi privati. Konsegwentement, l-imsemmija vettura ma kellhiex tkun suġġetta għad-dazji doganali fuq l-importazzjoni.
- 16 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza qabelxejn li, kuntrarjament għal dak li impliċitament issuġġerixxa fir-rikors tiegħu, VS ma jstax jibbenefika mill-arranġament doganali tad-dħul temporanju, peress li l-persuna kkonċernata effettivament tirisjedi fit-territorju tal-Unjoni.
- 17 Din il-qorti tqis li, waqt l-importazzjoni tal-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali fit-territorju tal-Unjoni, VS kiser ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt doganali, b’mod partikolari l-Artikolu 135(1) tal-Kodiċi Doganali, dwar l-obbligu li l-merkanzija tittieħed lejn uffiċċju doganali, u l-Artikolu 139(1) ta’ dan il-kodiċi, dwar l-obbligu li tiġi ppreżentata lid-dwana. Konsegwentement, tnissel dejn doganali fuq l-importazzjoni, skont l-Artikolu 79(1)(a) tal-imsemmi kodiċi, li r-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa debitur tiegħu skont l-Artikolu 79(3)(a) tal-istess kodiċi.
- 18 Skont il-qorti tar-rinviju, huwa paċifiku li, skont l-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi Doganali, id-dejn doganali tnissel fil-Ġermanja. Fil-fatt, l-ewwel nett, filwaqt li l-vettura daħlet fiżikament fit-territorju tal-Unjoni mill-Bulgarija u, konsegwentement, huwa f’dan l-Istat Membru li kellha

tittieħed u tiġi ppreżentata lid-dwana, huma l-awtoritajiet Ġermaniżi li stabbilixxew l-eżistenza tad-dejn. It-tieni nett, l-ammont tad-dazji li jikkorrispondu għal dan id-dejn huwa inqas minn EUR 10 000.

- 19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jifdal li jiġi ddeterminat jekk huwiex possibbli li jiġi applikat għall-VAT fuq l-importazzjoni, b'analoġija, l-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi Doganali, li, fl-affermattiv, ikun jimplika li din it-taxxa, hija wkoll, hija kkunsidrata bħala li tniisset fil-Ġermanja.
- 20 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, meta l-oġġetti inkwistjoni jkunu suġġetti għal dazji doganali, il-fatt taxxabbli għandu jseħħ u t-taxxa għandha tiġi imposta fil-mument li jseħħu l-fatt taxxabbli u l-eżiġibbiltà ta' dawn id-dazji.
- 21 Għalhekk, f'dan il-każ, sa fejn, skont l-Artikolu 79(1)(a) u l-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi Doganali, id-dejn doganali relatat mal-vettura fil-kawża prinċipali tniisset fil-Ġermanja, jista' jiġi konkluż li d-dejn tal-VAT tniisset, huwa wkoll, f'dan l-Istat Membru, anki jekk din il-vettura tkun fiżikament daħlet fit-territorju tal-Unjoni mill-Bulgarija.
- 22 Barra minn hekk, skont il-qorti tar-rinviju, il-kundizzjonijiet l-oħra neċessarji għall-kostituzzjoni ta' dejn tal-VAT huma, f'dan il-każ, issodisfatti. Fil-fatt, il-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali ntużat għal diversi xhur fit-territorju tal-Unjoni, mingħajr ma tqiegħdet taħt kwalunkwe arranġament doganali. B'hekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet doganali jippermetti li jiġi preżunt li l-vettura daħlet fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni u għalhekk setgħet tkun suġġetta għall-konsum.
- 23 Madankollu, il-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta' Düsseldorf) tesprimi dubji dwar il-possibbiltà li jiġu applikati b'analoġija r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 87(4) tal-Kodiċi Doganali għat-tnissil ta' dejn tal-VAT fuq l-importazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, għandhom jiġu analizzati separatament il-kompetenzi għall-irkupru tad-dazji doganali, tad-dazji tas-sisa u tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579, punt 44). Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 71 tad-Direttiva dwar il-VAT jikkonċerna biss il-mument tat-tnissil tal-VAT u ma jwettaq ebda riferiment għall-kriterji, stabbiliti mill-Artikoli 60 u 61 ta' din id-direttiva, li jippermettu li jiġi ddeterminat il-post ta' importazzjoni.
- 24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Finanzgericht Düsseldorf (il-Qorti tal-Finanzi ta' Düsseldorf, il-Ġermanja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

“It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Artikolu 87(4) [tal-Kodiċi Doganali] għandu jiġi applikat, b'analoġija, għall-ħolqien tal-obbligu tal-ħlas tal-VAT (VAT fuq l-importazzjoni)?”

Fuq id-domanda preliminari

- 25 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li l-VAT fuq l-importazzjoni relatata ma' oġġetti suġġetti għal dazji doganali tista' titnissel fl-Istat Membru fejn saret il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu impost mil-leġiżlazzjoni doganali tal-Unjoni.
- 26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva dwar il-VAT, huma suġġetti għall-VAT l-importazzjonijiet ta' oġġetti, u li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 30 ta' din id-direttiva, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' oġġett li ma jinsabx fiċ-ċirkolazzjoni libera titqies bħala importazzjoni ta' oġġetti.
- 27 Issa, diversi elementi jippermettu li tiġi rrilevata l-eżistenza ta' rabta bejn il-VAT fuq l-importazzjoni u d-dazji doganali.
- 28 Qabelxejn, għalkemm, skont l-Artikolu 60 tad-Direttiva dwar il-VAT, l-importazzjoni ta' oġġetti titwettaq fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinsab l-oġġett fil-mument fejn dan jiġi introdott fl-Unjoni, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) ta' din id-direttiva jipprevedi li, meta l-oġġetti importati jkunu suġġetti għal dazji doganali, il-fatt taxxabli għandu jseħħ u l-VAT għandha tiġi imposta fil-mument fejn iseħħ l-fatt taxxabli u l-eżiġibbiltà ta' dawn id-dazji jsiru dovuti.
- 29 Sussegwentement, il-VAT fuq l-importazzjoni u d-dazji doganali għandhom karatteristiċi essenzjali komparabbli inkwantu jitnisslu mill-fatt tal-importazzjoni fl-Unjoni u tal-introduzzjoni sussegwenti tal-merkanzija fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Istati Membri. Dan il-paralleliżmu huwa kkonfermat mill-fatt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jawtorizza lill-Istati Membri jorbtu l-fatt taxxabli u l-eżiġibbiltà tal-VAT fuq l-importazzjoni ma' dawk tad-dazji doganali (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579, punt 41).
- 30 Fl-aħħar nett, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dejn tal-VAT jista' jizzied mad-dejn doganali jekk l-aġir illegali li ġġenera dan id-dejn kien jippermetti li jiġi preżunt li l-merkanzija kkonċernata daħlet fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni u setgħet tiġi suġġetta għall-konsum, u b'hekk jiskatta l-fatt taxxabli tal-VAT (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Madankollu, tali preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata jekk jiġi stabbilit li, minkejja n-nuqqasijiet ta' konformità mal-leġiżlazzjoni doganali, li jwasslu għat-tnissil ta' dejn doganali fuq l-importazzjoni fl-Istat Membru fejn twettqu dawn in-nuqqasijiet, ikun ġie introdott oġġett fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li fih dan l-oġġett kien maħsub għall-konsum. F'dan il-każ, il-fatt taxxabli għall-VAT fuq l-importazzjoni jseħħ f'dan l-Istat Membru l-ieħor (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579, punt 48).
- 32 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung (C-26/18, EU:C:2019:579), għalkemm l-oġġetti inkwistjoni kienu s-suġġett ta' nuqqas ta' osservanza tal-leġiżlazzjoni doganali

fit-territorju Ġermaniż, huma kienu ġew biss ittrasferiti minn ajruplan għal ieħor fl-imsemmi territorju, qabel ma ntbagħtu l-Greċja. Fil-fatt, huwa dan l-Istat Membru li kien jikkostitwixxi d-destinazzjoni finali tagħhom kif ukoll il-post fejn dawn l-oġġetti kienu ġew ikkunsmati.

- 33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-oġġetti inkwistjoni kienu daħlu fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fl-Istat Membru tad-destinazzjoni finali tagħhom u li, konsegwentement, il-VAT fuq l-importazzjoni relatata ma' dawn l-oġġetti kienet tniisslet f'dan l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579, punt 53).
- 34 F'dan il-każ, mill-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, bħaċ-ċirkustanzi li wasslu għas-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019 (Federal Express Corporation Deutsche Niederlassung, C-26/18, EU:C:2019:579), il-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ċertament, daħlet materjalment fit-territorju tal-Unjoni mill-Bulgarija, b'tali mod li huwa f'dan l-Istat Membru li l-obbligi doganali ma ġewx osservati.
- 35 Madankollu, mill-istess informazzjoni jirriżulta li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, li, minkejja li matul il-vjaġġ tagħha mit-Turkija lejn il-Ġermanja l-vettura inkwistjoni l-ewwel daħlet fit-territorju doganali tal-Unjoni fil-Bulgarija u, wara li għaddiet mit-territorju ta' pajjiż terz, jiġifieri s-Serbja, sussegwentement daħlet mill-ġdid fl-imsemmi territorju doganali fl-Ungerija, din il-vettura ġiet effettivament użata fil-Ġermanja, li huwa l-Istat Membru ta' residenza ta' VS. Konsegwentement, inkwantu din il-vettura daħlet fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fil-Ġermanja, huwa f'dan l-aħħar Stat Membru li l-VAT fuq l-importazzjoni tniisslet.
- 36 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-VAT fuq l-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għal dazji doganali titnissel fl-Istat Membru fejn saret il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu impost mil-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni, meta l-oġġetti inkwistjoni, anki jekk fiżikament ġew introdotti fit-territorju doganali tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor, daħlu fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fl-Istat Membru fejn saret l-imsemmija konstatazzjoni.

Dwar l-ispejjeż

- 37 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għal dazji doganali titnissel fl-Istat Membru fejn saret il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' osservanza ta' obbligu impost mil-leġislazzjoni doganali tal-Unjoni, meta l-oġġetti inkwistjoni, anki jekk fiżikament ġew introdotti fit-territorju doganali tal-Unjoni fi Stat Membru ieħor, daħlu fiċ-ċirkwit ekonomiku tal-Unjoni fl-Istat Membru fejn saret l-imsemmija konstatazzjoni.

Firem